**It-Tlieta, 17 ta' Diċembru 2019**

P9_TA(2019)0090

# Rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2019 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament (COM(2018)0812 – C8-0015/2019 – 2018/0412(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2021/C 255/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2018)0812),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C8-0015/2019),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0048/2019),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Skont ir-Rapport Finali tal-2019 imħejji għall-Kummissjoni fil-kuntest tal-Istudju u r-Rapporti dwar id-Diskrepanza tal-VAT fit-28 Stat Membru tal-EU ("Study and Reports on the VAT Gap in the EU-28 Member States")*** [44a]***, fl-2017 id-diskrepanza tal-VAT, jiġifieri d-differenza bejn id-dħul mistenni mill-VAT u l-ammont effettivament miġbur, fl-Unjoni ammontat għal EUR 137,5 biljun, u dan jirrappreżenta EUR 267 ta' dħul mitluf għal kull persuna fl-Unjoni. Madankollu, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri, fejn id-diskrepanzi tal-VAT ivarjaw minn inqas minn 0,7 % tad-dħul totali mistenni f'xi Stati Membri għal 35,5 % f'oħrajn. Dak jenfasizza l-bżonn ta' aktar kooperazzjoni transnazzjonali biex tiġi miġġielda aħjar il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku b'mod partikolari, kif ukoll il-frodi tal-VAT b'mod aktar ġenerali (inkluża l-frodi karusell).*** |

([44a]) ***Disponibbli fuq https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/vat-gap-full-report-2019_en.pdf.***

**It-Tlieta, 17 ta' Diċembru 2019**

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) L-istrateġija biex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT jenħtieġ li tevolvi b'mod parallel mal-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni dejjem jiżdiedu tal-ekonomija tagħna filwaqt li s-sistema tal-VAT tiġi semplifikata kemm jista' jkun għan-negozji u ċ-ċittadini. Għalhekk huwa partikolarment importanti li l-Istati Membri jkomplu jinvestu fil-ġbir tat-taxxi mmexxi mit-teknoloġija, b'mod partikolari billi cash registers korporattivi u sistemi ta' bejgħ jintrabtu awtomatikament mad-dikjarazzjoni tal-VAT. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tat-taxxa jenħtieġ li jkomplu bl-isforzi tagħhom lejn skambju tal-aħjar prattiki u kooperazzjoni msaħħa, inkluż permezz tas-Summit tal-UE tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa (TADEUS), netwerk ta' kapijiet tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri li jfittex li jikseb koordinazzjoni aħjar bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa f'livell strateġiku. F'dak ir-rigward, l-awtoritajiet tat-taxxa jenħtieġ li jaħdmu lejn komunikazzjoni u interoperabilità effettivi bejn il-bażijiet ta' data kollha dwar kwistjonijiet fiskali fil-livell tal-Unjoni. It-teknoloġija blockchain tista' tintuża wkoll biex tiġi protetta aħjar id-data personali u jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni online bejn l-awtoritajiet tat-taxxa.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fil-preżent, peress li l-pagamenti permezz ta' pjattaformi ta' skambju ta' muniti virtwali huma eżegwiti biss f'numru limitat ta' każijiet, tali pjattaformi mhumiex meqjusa bħala fornituri ta' servizzi ta' pagament kif definit fid-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1a]***. Madankollu, ir-riskju ta' frodi tal-VAT, għalkemm attwalment limitat, jeżisti. Il-Kummissjoni għalhekk jenħtieġ li tevalwa fi żmien tliet snin jekk il-pjattaformi ta' skambju ta' muniti virtwali għandhomx jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*** |

[1a] ***Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).***

**It-Tlieta, 17 ta' Diċembru 2019**

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([46]), importanti li l-obbligu fuq fornitur tas-servizz ta' pagament li jżomm u jipprovdi informazzjoni dwar tranżazzjoni ta' pagament transfruntier jenħtieġ li jkun proporzjonat u jkun jinkludi biss dak li huwa meħtieġ għall-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, l-unika informazzjoni li jenħtieġ li tinżamm dwar il-pagatur hija dik dwar fejn jinsab il-pagatur. Fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarju u t-tranżazzjoni ta' pagament ***nnifisha***, jenħtieġ li l-forniturі tas-servizzi ta' pagament jintalbu jżommu u jittrażmettu biss – lill-awtoritajiet tat-taxxa – l-informazzjoni li dawn jeħtieġu biex jidentifikaw frodaturi possibbli u biex iwettqu kontrolli tal-VAT. Għalhekk, jenħtieġ li l-forniturі tas-servizzi ta' pagament jintalbu jżommu rekords ta' tranżazzjonijiet ta' pagament transfruntiera li x'aktarx jindikaw attivitajiet ekonomiċi. L-introduzzjoni ta' limitu massimu bbażat fuq l-għadd ta' pagamenti riċevuti minn benefiċjarju matul perjodu ta' tliet xhur kalendarji tagħti indikazzjoni affidabbli li dawk il-pagamenti jkunu ġew riċevuti bħala parti minn attività ekonomika u b'hekk jiġu esklużi l-pagamenti għal raġunijiet mhux kummerċjali. Meta jintlaħaq dan il-limitu massimu, jiskatta l-obbligu tal-kontabilità tal-fornitur tas-servizz ta' pagament. | (7) Skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([46]), importanti li l-obbligu fuq fornitur tas-servizz ta' pagament li jżomm u jipprovdi informazzjoni dwar tranżazzjoni ta' pagament transfruntier jenħtieġ li jkun proporzjonat u jkun jinkludi biss dak li huwa meħtieġ għall-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, l-unika informazzjoni li jenħtieġ li tinżamm dwar il-pagatur hija dik dwar fejn jinsab il-pagatur. Fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarju u t-tranżazzjoni ta' pagament ***innifisha***, jenħtieġ li l-forniturі tas-servizzi ta' pagament jintalbu jżommu u jittrażmettu biss – lill-awtoritajiet tat-taxxa – l-informazzjoni li dawn jeħtieġu biex jidentifikaw frodaturi possibbli u biex iwettqu kontrolli tal-VAT. Għalhekk, jenħtieġ li l-forniturі tas-servizzi ta' pagament jintalbu jżommu rekords ta' tranżazzjonijiet ta' pagament transfruntiera li x'aktarx jindikaw attivitajiet ekonomiċi. L-introduzzjoni ta' limitu massimu bbażat fuq l-għadd ta' pagamenti riċevuti minn benefiċjarju matul perjodu ta' tliet xhur kalendarji ***jew fuq ammont minimu għal kull pagament*** tagħti indikazzjoni affidabbli li dawk il-pagamenti jkunu ġew riċevuti bħala parti minn attività ekonomika u b'hekk jiġu esklużi l-pagamenti magħmula għal raġunijiet mhux kummerċjali. Meta jintlaħaq dan il-limitu massimu, jiskatta l-obbligu tal-kontabilità tal-fornitur tas-servizz ta' pagament. |

([46]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([46]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

**It-Tlieta, 17 ta' Diċembru 2019**

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Minħabba l-volum sinifikanti ta' informazzjoni u s-sensittività tagħha f'termini ta' protezzjoni tad-data personali, huwa meħtieġ u proporzjonat li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament iżommu rekords tal-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' pagament transfruntiera għal perjodu ta' ***sentejn*** sabiex jassistu lill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku u biex jidentifikaw il-frodaturi. Dan il-perjodu jikkostitwixxi l-minimu meħtieġ għall-Istati Membri biex iwettqu l-kontrolli b'mod effettiv u biex jinvestigaw is-suspetti ta' frodi tal-VAT jew biex jidentifikaw il-frodi tal-VAT. | (8) Minħabba l-volum sinifikanti ta' informazzjoni u s-sensittività tagħha f'termini ta' protezzjoni tad-data personali, huwa meħtieġ u proporzjonat li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament iżommu rekords tal-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' pagament transfruntiera għal perjodu ta' ***tliet*** snin sabiex jassistu lill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku u biex jidentifikaw il-frodaturi. Dan il-perjodu jikkostitwixxi l-minimu meħtieġ għall-Istati Membri biex iwettqu l-kontrolli b'mod effettiv u biex jinvestigaw is-suspetti ta' frodi tal-VAT jew biex jidentifikaw il-frodi tal-VAT. |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Jenħtieġ li jkun hemm obbligu ta' rapportar u żamma tar-rekords anke meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jirċievi fondi jew jaċċetta tranżazzjonijiet ta' pagament f'isem il-benefiċjarju u mhux biss meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jittrasferixxi fondi jew joħroġ strumenti ta' pagament għall-pagatur.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) Jeħtieġ jiġi adottat mandat ambizzjuż għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali sabiex tiġi żgurata prosekuzzjoni effiċjenti fil-konfront tal-frodaturi quddiem il-qrati nazzjonali. Jenħtieġ li tittieħed azzjoni legali kontra l-frodi transfruntiera organizzata tal-VAT u l-frodaturi jiġu kkastigati.*** |

**It-Tlieta, 17 ta' Diċembru 2019**

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 243b – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fir-rigward tat-trasferiment ta' fondi msemmi fil-punt (a), meta fornitur tas-servizzi ta' pagament jeżegwixxi aktar minn 25 tranżazzjoni ta' pagament lill-istess benefiċjarju matul perjodu ta' tliet xhur kalendarji. | (b) fir-rigward tat-trasferiment ta' fondi msemmi fil-punt (a), meta fornitur tas-servizzi ta' pagament jeżegwixxi aktar minn 25 tranżazzjoni ta' pagament lill-istess benefiċjarju matul perjodu ta' tliet xhur kalendarji ***jew jeżegwixxi trasferiment ta' fondi li jkollu valur monetarju ta' mill-inqas EUR 2 500 fi tranżazzjoni ta' pagament unika***. |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 243b – paragrafu 3 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jinżammu mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament f'format elettroniku għal perjodu ta' ***sentejn*** minn tmiem is-sena li fiha tkun ġiet eżegwita t-tranżazzjoni ta' pagament; | (a) jinżammu mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament f'format elettroniku għal perjodu ta' ***tliet*** snin minn tmiem is-sena li fiha tkun ġiet eżegwita t-tranżazzjoni ta' pagament; |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 243c – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-IBAN tal-kont ta' pagament tal-pagatur; | (a) l-IBAN tal-kont ta' pagament tal-pagatur ***jew kwalunkwe identifikatur ieħor li jidentifika l-pagatur u fejn jinsab il-pagatur mingħajr ambigwità***; |

**It-Tlieta, 17 ta' Diċembru 2019**

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 243d – paragrafu 1 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) kull rifużjoni ta' pagament eżegwita għat-tranżazzjonijiet ta' pagament imsemmija fil-punt (g); | (h) kull rifużjoni ta' pagament eżegwita għat-tranżazzjonijiet ta' pagament imsemmija fil-punt (g)***, jekk disponibbli***; |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

Direttiva 2006/112/KE

Titolu XV – Kapitolu 2a – Artikolu 410c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Fil-Kapitolu 2a tat-Titolu XV, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 410c*** |
| | ***Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' informazzjoni miksuba mill-Istati Membri, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim tat-Taqsima 2a tal-Kapitolu 4 tat-Titolu XI, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu inklużi pjattaformi ta' skambju ta' muniti virtwali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik it-Taqsima. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva."*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ***2021***, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet. | Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ***2023***, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet. |

**It-Tlieta, 17 ta' Diċembru 2019**

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar ***2022***. | Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar ***2024***. |